

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Novembru 2013 — 1.
garantovaná vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-42/13) ⁽¹⁾

("Rikors għal annullament — Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-karbur tal-kalċju u l-manjeżju għall-industrija tal-azzar u tal-gass fiż-ŻEE, bl-eċċejżoni tal-Irlanda, ta' Spanja, tal-Portugall u tar-Renju Unit — Multi — Interessi moratorji — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà")

(2014/C 15/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: 1. garantovaná a.s. (Bratislava, is-Slovakkja) (rappreżentanti: inizjalment minn M. Powell, solicitor, G. Forwood, barrister, M. Staroň u P. Hodál, avukati, sussegwentement minn K. Lasok, QC, J. Holmes, B. Hartnett, barristers, u O. Geiss, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Bottka, F. Dintilhac u N. von Lingen, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li allegatament tinsab fl-ittra tal-Kummissjoni, tal-21 ta' Diċembru 2012 (Każ COMP/39.396 — reġġenti bbażati fuq il-karbur tal-kalċju u l-manjeżju għall-industriji tal-azzar u tal-gass), li biha din tal-aħħar talbet lir-rikorrenti sabiex tħallasha l-bilanċ tal-multa imposta fuqha permezz tad-Deċiżjoni tagħha C(2009) 5791 finali, tat-22 ta' Lulju 2009, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, miżjudha b'interessi moratorji, jew li tipprovdhi, favuriha, garanzija bankarja li tkopri dan l-istess ammont.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) 1. garantovaná a.s. għandha tħalli l-ispejjeż tiegħi kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Novembru 2013 —
Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-229/13 P) ⁽¹⁾

("Appell — Servizz pubbliku — Rikors miċħud fl-ewwel istanza bħala manifestament inammissibbli — Assenza ta' identiċità bejn ir-rikors ippreżentat permezz ta' faks meta mqabbila mal-orġinali ppreżentat sussegwentement — Preżentata tal-oriġinal tar-rikors barra mit-terminu — Tardivitā tar-rikors — Appell manifestament infondat")

(2014/C 15/25)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Appellant: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u G. Gattinara, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett

Appell mid-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla), tal-21 ta' Frar 2013, Marcuccio vs Il-Kummissjoni (F-113/11, li għadu ma ġiex ippubblikata fil-Ġabra), u intiż għall-annullament ta' dan id-digriet.

Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Luigi Marcuccio għandu jħalli l-ispejjeż tiegħi kif ukoll dawk esposti mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' din l-istanza.

⁽¹⁾ ĠU C 79, 16.03.2013.

⁽¹⁾ ĠU C 171, 15.06.2013.